*AMMISSJONI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 28 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 1727/01/RCP**

**Master Distributors Limited gja Master Wine Ltd**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm5,792.79 (hamest elef, seba' mija u tnejn u disghin lira maltin u disgha u sebghin centezmu)

rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta bejn il-5 ta' Novembru 1999 u s-26 ta' Jannar 2001 (statement anness dok B).

Illi s-socjeta` konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (Dok 'A') a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghar-ragunijiet premessi ghala m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5792.79 (hamest elef, seba' mija u tnejn u disghin lira maltin u disgha u sebghin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti b'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta bejn il-5 ta' Novembru 1999 u s-26 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Gunju 2001 u tal-mandat ta' qbid numru 3038/01NB presentat kontestwalment u bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar 2001 data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5,792.79 (hamest elef, seba' mija u tnejn u disghin lira maltin u disgha u sebghin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti b'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta bejn il-5 ta' Novembru 1999 u s-26 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Gunju 2001 u tal-mandat ta' qbid numru 3038/01NB presentat kontestwalment u bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar 2001 data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Novembru, 2001**